# Mro. Joseph Magri

## Ex surmast tal-Banda Marija Annunzjata



Naħseb li l-maġġoranza tat-Tarxiniżi għadhom jiftakkru lis-Surmast Joseph Buttigieg jew kif konna nafuh il-Kaptan. Iżda forsi ftit jafu li meta fl-1940/45 huwa ntbghat mill-militar Ingliż l-Ingilterra, f'Kneller Hall jistudja, il-banda tagħna ħa ħsiebha is-Surmast Joseph Magri.

Magri twieled Ħal Qormi fit-2 ta' Diċembru 1917.Beda jistudja l-Klarinett meta kien żgħir u ta' 14 sena daħal fir-Royal Artilary (Malta) Band. Fl-1936 intbaghat f'Kneller Hall jistudja. Hemm ġie l-ewwel fl-eżami tal-Klarinett, l-ewwwel fl-eżami tal-Armonja u Strumentazzjoni, u l-ewwel bħala student.

Matul il-gwerra kien jagħti kunċerti fuq il-cable radio (Rediffussion), bhala solo player. Fl-1946, wara eżami, ġie magħżul biex jerga' jmur f'Kneller Hall jistudja għall-tlett snin.Meta spiċċa l-istudju offrewlu jagħżel banda Ingliża jew banda Skoċċiża, iżda hu għażel jiġi lura Malta, fejn inħatar direttur tal-Banda R. A. (Malta) sakemm spiċċa fl-1966.

**Xogħlijiet Mużikali**

Magri kiteb bosta xogħlijiet Mużikali. Il-"Malta War Requiem" kienet rebħet midalja tad-deheb fil-kompetizzjoni imnedija mil-Performing Rights Society ta' Londra.

"An Ode to St. Paul" Inkitbet fiċ-ċentinarju tal-miġja ta' San Pawl f'Malta(1960). "Te Deum" indaqq l-ewwel darba fl-għaxar Anniversarju tal-kor Malta Melitensis fit-Teatru Manoel. Għas-Soċjetà Pinto Qormi kiteb 'Hymn of Praise' f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tagħha. " Malta G.C." inkitbet biex tfakkar il-Ħamsin sena mit-tmiem tat-tieni Gwerra Dinjija

Xogħlijiet mistiċi huma: Symphony, Guitar Symphonique, u Symphonic Tone Poem huma ispirati mill-ħajja ta' Ġesu u Marija. Il-Kunċert tal-Klarinett kien indaqq mill-Manoel Theatre Orchestra u huwa daqq il-parti tas-solista. Xogħlijiet oħra huma: Concert overture Heroique, Symphonic Free Variations, Vittorjuża, Marian Cantata, To our Lady of the Sacred Heart, Millenium Concert, u Sogno.

**Bħala Ħabib**

Iltqajt mas-surmast Magri meta il-Għaqda Każini tal-Banda kienet qed tħejji biex tfakkar it-tletin sena mit-twaqqif tagħha fl-1977.

Kien il-ħsieb li jiġi organizzat kunċert fl-Istitut Kattoliku u s-Surmast Magri, mas-Surmast Joseph Schembri, ġew magħżula biex imexxu dan il-Kunċert. Fost ix-xogħlijiet li dderiġa kien hemm " Ode to St. Paul ".

Wara dan il-programm bqajna ħbieb. L-aħħar li ltqajt miegħu kien fil-Belt, f'Novembru 1999. Minkejja t-82 sena li kellu, kien għadu mimli enerġija u entużjażmu. Qalli li l-Banda Sliema kienet se ddoqq żewġ xogħlijiet ġodda tiegħu. "Tiftakar meta konna tkellimna dwar id-dekafonija, daħħalt ħafna idejat milli għidna dak in-nhar". Kien qalli ħafna kontra id-dekafonija dak in-nhar. "Ikonvinċejtek mela" għidtlu. "Insomma, insomma. Xi ħaġa żgħira", weġibni.

Waħda minn dawn ix-xogħlijiet se tindaqq mill-Għaqda tagħna fil-Kunċert ta' l-20 ta' Mejju.

*Ringrazzjament lis-Sur Andrew Cauchi ta' dan il-Materjal*

Joe L.Vella